# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 27 ta’ Mejju 2002**

**Numru**

**Avviz  numru  368/01mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Daniel Debattista u b’digriet tal-Qorti tal-25 ta’ Gunju, 2001, gie kjamat fil-kawza Mario Xuereb**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tmien liri Maltin u seba’ centezmi (Lm408.07) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut f’arblu tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar it-2 ta’ Awissu, 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-kjamat fil-kawza jwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-kjamat fil-kawza naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Mejju, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg